

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.11.2008
KUMM(2008) 699 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**L-INIZJATTIVA TAS-SWIEQ TAL-MATERJA PRIMA — NILĦQU L-ĦTIĠIJET
KRITIĊI TAGĦNA GĦAT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJEGI FL-EWROPA**

{SEG(2008) 2741}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-INIZJATTIVA TAS-SWIEQ TAL-MATERJA PRIMA — NILĦQU L-ĦTIĠIJET KRITIĊI TAGĦNA GĦAT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEGI FL-EWROPA

Introduzzjoni

Il-materja prima hija essenzjali għat-tħaddim sostenibbli tas-soċjetajiet moderni. L-aċċess għal u l-ispiża li tista' tintlaħaq għal materja prima minerali huma kruċjali għat-tħaddim sod tal-ekonomija tal-UE. Setturi bħal dawk tal-kostruzzjoni, kimiki, attrezzatura, ajruspazju, makkinarju u tagħmir li jipprovdu valur miżjud totali ta' EUR 1 324 biljun u impjiegi għal madwar 30 miljun ruħ (l-Anness 1) jiddependu kollha mill-aċċess għall-materja prima.

Filwaqt li l-ispiża li qed togħla tal-enerġija u d-dipendenza qawwija tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija hija diġà fuq quddiem nett tal-aġenda politika, l-isfidi komparabbli li jirrigwardaw ċerta materja prima mhux għall-enerġija għadhom mhumiex qed jieħdu l-attenzjoni mistħoqqa. Fuq naħa waħda, l-UE għandha ħafna depożiti ta' materja prima. Madankollu, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tagħhom qed jaffaċċjaw kompetizzjoni li qed tiżdied għall-użi differenti skont il-pajjiż u ambjent irregolat ħafna, kif ukoll limiti teknoloġiċi fir-rigward tal-aċċess għal depożiti minerali. Min-naħa l-oħra, l-UE tiddependi ħafna mill-importazzjonijiet ta' materja prima b'importanza strateġika li qiegħda dejjem tiġi aktar affettwata minn tfixkil fis-suq. Fil-każ ta' metalli ta' teknoloġija avvanzata, din id-dipendenza tista' anki titqies bħala waħda kritika fid-dawl tal-valur ekonomiku tagħhom u tar-riskji għolja fil-provvista. Fl-istess ħin, teżisti opportunità sinifikanti għall-garanzija ta' provvisti materjali permezz ta' titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi u r-reċiklaġġ.

Il-garanzija għal aċċess affidabbli u mhux imfixkel għall-materja prima qiegħda ssir dejjem aktar fattur importanti għall-kompetittività tal-UE u, għaldaqstant, kruċjali għas-suċċess tal-Partenarjat ta' Liżbona għat-ktabbir ekonomiku u għall-impjiegi. Id-dipendenza kritika tal-UE fuq ċerta materja prima tenfasizza li bidla lejn ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi u lejn żvilupp sostenibbli¹ qed issir aktar u aktar urġenti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi żviluppat rispons ta' politika aktar koerenti tal-UE kif ġie ssuġġerit mill-Kunsill f'Mejju 2007². Din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel pass lejn dan, li tibni fuq analiżi fil-fond³ mill-Kommissjoni u fuq ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika⁴ fl-2008. Din għandha tgħin lill-UE wkoll biex toħloq strateġija komuni fid-diskussjoni internazzjonali dwar il-materja prima li ġiet indirizzata fin-Nazzjonijiet Uniti⁵ u wkoll mill-G8⁶.

Filwaqt li din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq minerali mhux relatati mal-enerġija, l-analiżi bażi u l-miżuri proposti, b'mod partikolari fir-rigward tat-tfixkil fil-kummerċ tal-pajjiżi terzi, japplikaw fil-biċċa l-kbira għal materja prima oħra mhux relatata mal-enerġija (bħall-injam),

¹ L-iżvilupp sostenibbli jkopri l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali. COM(2005) 658.

² 10032/07.

³ Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kommissjoni dwar l-estrazzjoni fi ħdan l-UE – SEC(2007) 771.

⁴ http://ec.europa.eu/enterprise/non_energy_extractive_industries/raw_materials.htm

⁵ Rapport 2007 dwar l-Investment fid-Dinja.

⁶ Il-G8 ressqet rakkomandazzjonijiet li jenfasizzaw il-ħtieġa għas-sostenibbiltà u t-trasparenza fil-qasam tal-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-materja prima.

li qed jaffaċċjaw restrizzjonijiet simili fil-provvista u sfidi għall-kompetittività b'konsegwenza ta' tfixkil fis-suq.

1. L-ANALIŻI TAL-PROVVISTA U TAD-DOMANDA TA' MATERJA PRIMA MHUX RELATATA MAL-ENERĠIJA

1.1. Il-qagħda tal-provvista fl-Ewropa li tvarja mill-awto-suffiċjenza sad-dipendenza għolja mill-importazzjonijiet

L-UE hija awto-suffiċjenti fil-*minerali għall-kostruzzjoni*, b'mod partikolari fl-aggregati, u hija produttur dinji ewlieni tal-ġibs u tal-ġebbla naturali. Id-disponibbiltà tal-aggregati minn għejun reġjonali u lokali hija essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku, fid-dawl tar-restrizzjonijiet loġistiċi u l-ispejjeż tat-trasport. L-UE hija wkoll l-akbar produttur dinji jew it-tieni l-akbar produttur ta' ċerti *minerali industrijali*, għalkemm tibqa' importatur nett tal-biċċa l-kbira tagħhom (l-Anness 2, tabella 1). Madankollu, l-UE hija dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' *minerali metalliċi*, billi l-produzzjoni tagħhom hija limitata għal madwar 3 % tal-produzzjoni dinjija (l-Anness 2, dijagramma 1 u t-tabella 2).

Barra mill-materja prima ewlenija, l-UE tiddependi ħafna minn *materja prima sekondarja*. L-użu tal-fdalijiet riċiklati żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin u jirrappreżenta llum madwar 40 % sa 60 % tad-dħul tal-produzzjoni tal-metall fl-UE. Madankollu, l-aċċess għall-fdalijiet qed isir aktar diffiċli fl-Ewropa; matul dawn l-aħħar tmien snin, l-importazzjonijiet tal-UE ta' fdalijiet ta' metalli mhux tal-ħadid u ta' metall prezzjuż niżlu bi kważi 40 %, filwaqt li l-esportazzjonijiet telgħu għal aktar minn 125 %, bil-konsegwenza ta' skarsezzi u żieda fil-prezzijiet. Wieħed jista' josserva xejra simili għall-esportazzjonijiet ta' fdalijiet tal-ħadid. Waħda mir-raġjunijiet għal dan hija li ħafna prodotti fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom ma jgħaddux minn mezz serji ta' reċiklaġġ iżda jintbagħtu illegalment barra l-UE, bil-konsegwenza ta' telf ta' materja prima sekondarja ta' valur u impatti negattivi fuq l-ambjent.

L-UE tiddependi ħafna mill-importazzjonijiet ta' metalli ta' "*teknoloġija avvanzata*" bħall-kobalt, il-platinu, il-fdalijiet tal-membri tal-grupp ta' elementi metalliċi rari, u t-titanju. Għalkemm ta' spiss meħtieġa fi kwantitajiet żgħar biss, dawn il-metalli qed isiru dejjem aktar essenzjali fl-iżvilupp ta' prodotti teknoloġikament sofistikati fid-dawl tal-għadd li qed jikber tal-funzjonalitajiet tagħhom. L-UE mhijiex se tidderieġi din il-bidla lejn produzzjoni sostenibbli u lejn prodotti li ma jagħmlux ħsara għall-ambjent mingħajr metalli ta' teknoloġija avvanzata bħal dawn. Dawn il-metalli għandhom rwol kritiku fl-iżvilupp ta' "*teknoloġiji ambjentali*" innovattivi biex isaħħu l-effiċjenza tal-enerġija u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra. Il-karozzi msejsa fuq il-fjuwil tal-idroġenu jeħtieġu katalizzaturi msejsa fuq il-platinu. Karozzi ibridi jeħtieġu batteriji tal-litju u s-super legi tar-renju huma kontribut indispensabbli fil-produzzjoni tal-inġenji moderni tal-ajru (l-Anness 2, tabella 3).

Hemm tliet raġunijiet ewlenin għalfejn dawn il-materjali, bħall-platinu u l-indju, huma kritiċi b'mod partikolari: l-ewwelnett, għandhom importanza ekonomika sinifikanti għas-setturi ewlenin, it-tieni, l-UE qed tiffaċċja riskji għolja fil-provvista, assoċjati ma' pereżempju dipendenza għolja ħafna fuq l-importazzjonijiet u livell għoli ta' konċentrazzjoni fpajjizi partikolari, u t-tielet, l-eżistenza attwali ta' nuqqas ta' sostituti. L-UE diġà esperjenzat kriżi fil-provvista fis-sena 2000, meta ż-żieda qawwija tat-telefowns ċellulari wasslet għal domanda f'daqqa għat-tantalu. Avvenimenti bħal dawn huma mistennija li jseħħu aktar ta' spiss

minħabba fl-użu multiplu ta' dawn il-materji, u xkiel temporanju fil-provvista ma jistax jiġi eskluż aktar.

Iċ-Ċina, l-Afrika, l-Amerika ta' Isfel, ir-Russja u l-Awstralja huma kollha fornituri ewlenin ta' materji primi ta' teknoloġija avvanzata bħal dawn għall-Ewropa (l-Anness 3). Il-fatt li xi għejjun ta' materja prima importanti jinsabu f'partijiet tad-dinja fejn ma għandhomx sistema bbażata fuq is-suq, u/jew huma politikament u/jew ekonomikament instabbli toħloq riskji partikolari.

Billi l-prospetti fit-tul tas-suq joħlqu kundizzjonijiet li huma favorevoli għall-proġetti ġodda ta' tħaffir fil-minjieri u riċiklaġġ madwar id-dinja kollha, huwa importanti għall-UE li ma titlifix l-opportunità li tipproduċi aktar mill-kapaċitajiet domestiċi tagħha jew li tiżviluppa s-sostituti. Għalkemm hemm eżempji ta' inizjattivi ġodda ta' attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri li qed jitwettqu fl-Iżvezja, l-Finlandja u f'xi Stati Membri ġodda, għad hemm ir-restrizzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju attwali tal-UE u f'dak nazzjonali li qed jipperikolaw l-iżvilupp futur fl-industrija tal-estrazzjoni tal-UE. Billi s-settur tal-materja prima li mhux relatata mal-enerġija huwa kostrett li jaħdem f'siti li għandhom depożiti minerali magħrufa u li huma kummerċjalment vijabbli, jeħtieġu strateġiji li jissalvagwardjaw l-aċċess ta' dawn id-depożiti għall-użu futur.

L-istrateġiji biex itejbu l-effiċjenza tar-riżorsi, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid huma importanti fl-indirizzar tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'kundest ta' aċċess ristrett għar-riżorsi u ta' dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet. Il-vantaġġ tar-riċiklaġġ huwa li dan jikkontribwixxi għall-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari fil-każ ta' metalli fejn il-produzzjoni fuq il-bażi ta' materja prima sekondarja (fdalijiet) hija b'mod sinifikanti aktar effiċjenti fir-rigward tal-enerġija meta mqabbla ma' materja prima ewlenija.

Jeżistu opportunitajiet ekonomiċi kbar jekk jintrebħu sensiela ta' ostakoli fil-proċediment tal-iżvilupp tas-swieq ta' riċiklaġġ⁷. L-ostakoli jinkludu nuqqas ta' taġġir dwar il-kwalità ta' materjal reċiklat u tiftix sinifikanti u spejjeż ta' tranżazzjonijiet billi huwa partikolarment diffiċli għax-xerrejja u l-bejjieġha li jsibu lil xulxin, jew li anki jkun jafu bl-eżistenza ta' xulxin. Ostakolu ieħor huwa l-maniġment inadegwat tal-iskart u tas-sistemi ta' ġbir madwar l-Istati Membri. Pereżempju għall-pakkeġġjar tal-aluminju, ir-rati jistgħu jvarjaw bejn 30% u 80 % fir-rigward ta' riċiklaġġ fl-Istati Membri differenti. Dan jagħti indikazzjoni tal-potenzjal mhux sfruttat għall-qligħ fl-effiċjenza tal-materjali fl-ekonomija.

1.2. L-UE qed tiffaċċja bidliet fundamentali fis-swieq globali

Minn perspettiva ġeoloġika globali, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' skarsezza fiżika imminenti fil-maġġoranza tal-materja prima fid-dinja. Madankollu, id-disponibbiltà ġeoloġika ma tfissirx neċessarjament aċċess għal din il-materja prima għall-kumpaniji tal-UE. Bidliet fundamentali fis-swieq globali qed jheddu l-kompetittività tal-industrija Ewropea.

1.2.1. Id-disponibbiltà u l-iżvilupp fil-prezz għall-materja prima

Is-swieq internazzjonali tal-metalli u l-minerali jsegwu tendenza ċiklika msejsa fuq il-provvista u d-domanda (l-Anness 4, dijagramma 1). Sa mill-bidu tas-seklu preżenti, iż-żieda qawwija u mhux prevista fid-domanda, essenzjalment misjuqa mit-tkabbir qawwi fl-ekonomiji emerġenti, wasslet għat-tripplu tal-prezzijiet tal-metalli bejn l-2002 u l-2008.

⁷ It-tijib fis-Swieq tar-Riċiklaġġ, OECD (2006).

B'mod partikolari ċ-Ċina kienet responsabbli għal aktar minn 50 % tat-tkabbir fil-konsum dinji ta' metalli industrijali bejn l-2002 u l-2005. Filwaqt li l-effetti attwali tal-kriżi finanzjarja qed iwasslu għal tnaqqis fit-tkabbir tad-domanda globali għal materja prima, huwa mistenni li fil-ġejjieni l-livelli tat-tkabbir tal-pajjiżi emerġenti jżommu pressjoni għolja fuq id-domanda għall-materja prima. Filwaqt li n-nefqa fl-esplorazzjoni dan l-aħħar bdiet tiżdied (l-Anness 4, dijagramma 2), il-veloċità u l-iskala taż-żieda fid-domanda huma ġeneralment mistennija li jwasslu għal waqgħa lura fil-provvista meta mqabbla mad-domanda, fenomenu deskritt mill-ekonomisti bħala s-super-ċiklu

1.2.2. Strateġiji industrijali u riskji ġodda għat-tħaddim ħażin tas-swieq globali.

Bosta ekonomiji emerġenti dejjem aktar qegħdin isegwu strateġiji industrijali mmirati lejn il-ħarsien tal-bażi tar-riżorsi biex jiġġeneraw vantaġġi għall-industriji tagħhom aktar 'l isfel fil-proċess. Dan huwa evidenti fil-proliferazzjoni tal-miżuri governattivi li jxekklu l-kummerċ internazzjonali fil-materja prima. Dawn jinkludu taxxi u kwoti fuq l-esportazzjoni, flimkien ma' sussidji, l-iffissar ta' prezzijiet, sistemi ta' pprezzar doppju, u regoli restrittivi għall-investment. Ġew identifikati 'l fuq minn 450 restrizzjoni fuq l-esportazzjoni għal iżjed minn 400 materja prima differenti (eż. metalli, injam, kimiki, ġlud) (l-Anness 4, tabella 1). Iċ-Ċina, ir-Russja, l-Ukraina, l-Arġentina, l-Afrika t'Isfel u l-Indja huma fost il-pajjiżi ewlenin involuti fl-applikazzjoni ta' miżuri bħal dawn, filwaqt li f'bosta każijiet jibbenefikaw ukoll minn aċċess b'dazju mnaqqas jew mingħajr dazju għas-suq tal-UE għal prodotti lesti relatati, li jpoġġi ħafna setturi industrijali tal-UE fi żvantaġġ kompetittiv.

Pajjiżi emerġenti qegħdin ukoll isegwu strateġiji fir-rigward tal-pajjiżi għonja fir-riżorsi bl-għan evidenti li jiżguraw aċċess privileġġat għall-materja prima. Pereżempju, iċ-Ċina u l-Indja żiedu b'mod sostanzjali l-impenn ekonomiku tagħhom mal-Afrika f'dawn l-aħħar snin; fil-każ taċ-Ċina dan jinkludi proġetti ta' infrastruttura ewlenija u involviment attiv fl-esplorazzjoni u fl-attivitajiet ta' estrazzjoni fpajjiżi bħaż-Żambja (ramm), ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ramm, kobalt), l-Afrika t'Isfel (ħadid mhux maħdum), iż-Żimbabwe (platinu) u l-Gabon, il-Ginea Ekwatorjali u l-Kamerun (injam).

Il-qagħda tal-provvista qed tiġi aktar effettwata wkoll b'żieda fil-konċentrazzjoni fil-livell tal-pajjiżi produttori, u aktar konċentrazzjoni u integrazzjoni vertikali fil-livell tal-kumpaniji, li jista' joħloq problemi ta' aċċess għall-materja prima (l-Anness 4, dijagramma 3, l-Anness 5). Pereżempju, tliet kumpaniji produttori biss bħalissa jikkontrollaw madwar 75 % tal-kummerċ bil-baħar fil-ħadid mhux maħdum. Żviluppi bħal dawn jistgħu joħlqu riskji ta' inqas kompetizzjoni u għalhekk prezzijiet oġhla għall-utenti aktar 'l isfel fil-proċess. Kumpaniji aktar 'l isfel fil-proċess jamministraw ir-riskji b'mezzi bħal bini ta' ħażniet u kuntratti fit-tul, jew japplikaw strateġija ta' integrazzjoni vertikali ma' kumpaniji tal-minjieri.

Madwar 50 % tar-riżervi minerali ewlenin jinsabu fpajjiżi li għandhom dħul gross nazzjonali *per capita* ta' USD 10 kuljum jew inqas. Dan joħloq opportunità ġdida għal dawn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma għonja fir-riżorsi, b'mod partikolari fl-Afrika (l-Anness 6), biex iżidu b'mod sinifikanti d-dħul nazzjonali tagħhom billi ħafna minnhom għadhom qed jaffaċċaw il-faqar jew it-tkabbir kajman. Madankollu bosta minn dawn il-pajjiżi qed jaffaċċjaw kunflitti vjolenti, xi drabi xprunati mill-kompetizzjoni għall-kontroll ta' riżorsi naturali u xi wħud huma nieqsa mill-governanza, notevolment fir-rigward tal-allokkazzjoni tad-dħul mir-riżorsi. Barra minn hekk, dawn il-pajjiżi ta' sikwit ikollhom diffikultajiet fin-negożjar ma' kumpaniji tal-minjieri barranin minħabba f'taġhrif asimetriku dwar il-valur tad-depożiti u riżorsi ta' amministrazzjoni li mhumiex suffiċjenti. F'ċerti każijiet, qamu mistoqsijiet dwar il-prattika tal-kumpaniji fir-rigward tal-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet

għax-xogħol, u f'oħrajn, kien hemm tħassib dwar l-impatt fuq id-dejn tal-pajjiżi ta' ċerti kuntratti pubbliċi-privati.

2. IR-REAZZJONI POLITIKA: STRATEĠIJA INTEGRATA

Pajjiżi industrijalizzati bħall-Ġappun u l-Istati Uniti rrikonoxxew id-dipendenza kritika tagħhom fuq materja prima partikolari u qed isewgu linji politiċi speċifiċi għas-salvagwardja tal-provvista tagħhom ta' materja prima. L-Istati Uniti pereżempju, iddefiniet materja prima li hija strateġikament rilevanti u żżomm ukoll ħażna ta' materja prima li hija essenzjali għall-industrija ta' difiża tagħha. Il-Ġappun ukoll impenja ruħu biex jiżgura l-aċċess kritiku għall-materja prima (l-Anness 7). Għalkemm xi wħud mill-Istati Membri tal-UE qed isegwu linji politiċi speċifiċi, ma kien hemm l-ebda reazzjoni politika integrata f'livell tal-UE s'issa li tiżgura li għandha biżżejjed aċċess għall-materja prima bi prezzijiet ġusti u mhux mgħawġa. Qed jiġi propost li l-UE għandha taqbel dwar strateġija integrata dwar il-materja prima. Strateġija bħal din għandha tkun imsejsa fuq it-tliet pilastru li ġejjin:

- (1) l-iżgurar ta' **aċċess għall-materja prima** minn swieq internazzjonali bl-istess kundizzjonijiet bħal ta' kompetituri industrijali oħra;
- (2) l-iffissar ta' **kundizzjonijiet ta' qafas** xierqa fi ħdan l-UE biex titrawwem provvista sostenibbli ta' materja prima minn sorsi Ewropej;
- (3) li tingħata spinta lill-effiċjenza ġenerali tar-riżorsi u ssir promozzjoni tar-reċiklaġġ biex **jitnaqqas il-konsum fl-UE tal-materji primi ewlenin** u titnaqqas id-dipendenza relattiva fuq l-importazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li strateġija Ewropea integrata għandha, bħala azzjoni prijoritarja, tiddefinixxi materja prima kritika għall-UE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tipproponi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, li tidentifika lista komuni ta' materja prima kritika. Evalwazzjoni preliminari tissuġġerixxi vulnerabbiltà għolja tal-UE għal għadd ta' materji primi (l-Anness 8).

2.1. L-ewwel pilastru: L-aċċess għall-materja prima fis-swieq dinjija b'kundizzjonijiet bla xkiel

L-UE għandha ssegwi b'mod attiv **id-diplomazija tal-materja prima** bl-għan li tiżgura l-aċċess għall-materja prima. Dan jinkludi koordinazzjoni u koerenza aħjar u iżjed effettivi fil-linji politiċi esterni tal-UE (ir-relazzjonijiet esterni, il-kummerċ, u l-iżvilupp). Dan ifisser ukoll koordinazzjoni f'livell tal-UE fit-treġija ta' partenarjati strateġiċi tal-UE⁸ u djalogi ta' politika ma' pajjiżi terzi ta' sħubija, ma' ekonomiji emerġenti u mal-gruppi reġjonali tagħhom, waqt li wieħed isegwi prinċipji ta' "interess reċiproku". B'mod partikolari:

- mal-Afrika, permezz tat-tisħiħ tad-djalogu u l-azzjonijiet tagħha fil-qasam tal-aċċess għall-materja prima u dwar it-treġija tar-riżorsi naturali kif ukoll l-infrastruttura tat-trasport, fi ħdan l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta u l-Pjan ta' Azzjoni 2008-2010;

⁸ L-imsieħba strateġiċi tal-UE jinkludu l-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, u l-Istati Uniti.

- ma' ekonomiji emerġenti għonja fir-riżorsi bħaċ-Ċina u r-Russja, permezz tat-tisħiħ tad-djalogu, inkluż l-għan li jitneħħew miżuri ta' xkiel.
- ma' pajjiżi dipendenti fuq ir-riżorsi bħall-Istati Uniti u l-Ġappun, permezz tal-identifikazzjoni ta' interessi komuni u t-tfassil ta' azzjonijiet konguni u pożizzjonijiet komuni fil-fora internazzjonali, eż. proġetti konġunti mal-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti f'oqsma miftuħa għall-kooperazzjoni internazzjonali.

Barra minn hekk, l-UE għandha tippromwovi **kooperazzjoni internazzjonali** mtejba. Il-Kummissjoni se tappoġġja ż-żieda fl-għarfien f'fora bħal dawn bħall-G8, l-OECD, l-UNCTAD, l-UNEP⁹ u tesplora l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bank Dinji u l-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar. Dan jinkludi djalogi dwar il-minjieri tal-ibħra fondi fir-reġjun tal-Artiku¹⁰ u dwar is-sigurtà tarrotot kummerċjali internazzjonali għall-materja prima¹¹. Il-Kummissjoni hija wkoll impenjata li tappoġġja r-rispett għall-istrumenti għar-responsabbiltà soċjali korporattiva internazzjonali¹² u se tkompli tappoġġja l-inizjattivi internazzjonali biex tippromwovi t-trasparenza fis-settur tal-estrazzjoni bħall-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċess ta' Kimberly u l-EITI. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll kontribuzzjoni għall-EITI++ imtejba¹³.

Fid-dawl tal-implikazzjonijiet importanti dwar is-sigurtà strateġika, l-għan għal aċċess sikur għal materja prima li mhux relatata mal-enerġija għandu jitqies bis-sħiħ fl-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà li bħalissa qed issirilha reviżjoni mill-Kunsill.

L-aċċess għal materja prima ewlenija u materja prima sekondarja għandu jsir prijorità fil-**politika kummerċjali u regolatorja tal-UE**. Il-politika kummerċjali u regolatorja tista' ttejjeb l-aċċess għall-materja prima permezz tal-modi li ġejjin.

- L-UE għandha tippromwovi regoli u ftehimiet ġodda dwar l-aċċess sostenibbli għall-materja prima fejn meħtieġ, u tiżgura konformità mal-impenji internazzjonali fl-ivell multilaterali u bilaterali, inklużi n-negożjati ta' adeżjoni mad-WTO, Ftehimiet dwar Kummerċ Ħieles, djalogu regolatorju u ftehimiet mhux preferenzjali. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni se ssaħħaħ ħidmietha biex tikseb aktar dixxiplina fuq ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni u regolamentazzjoni mtejba kontra s-sussidji fl-ivell tad-WTO.
- L-UE għandha taħdem biex tikseb il-qirda ta' miżuri li jxekklu l-kummerċ li jieħdu l-pajjiżi terzi fl-oqsma kollha rilevanti għall-aċċess għall-materja prima. L-UE se tieħu azzjoni vigoruża biex tisfida l-miżuri li jiksru r-regoli tad-WTO jew bilaterali, waqt li tuża l-mekkaniżmi u l-istrumenti kollha disponibbli, inkluż it-tisħiħ permezz tal-użu tas-soluzzjoni ta' tilwim. B'mod aktar ġenerali, l-UE għandha taġixxi kontra l-użu protezzjonist ta' restrizzjonijiet fl-esportazzjoni minn pajjiżi terzi. Waqt li tiddetermina l-azzjonijiet tagħha, l-UE għandha tieħu bħala prijorità dawk ir-restrizzjonijiet fl-esportazzjoni li joħlqu l-akbar problemi għall-utenti tal-industriji tal-UE jew tagħti lill-industriji

⁹ Inkluż il-"Bord Internazzjonali għall-Maniġment Sostenibbli tar-Riżorsi".

¹⁰ Il-Kummissjoni attwalment qed tħejji Komunikazzjoni dwar ir-reġjun Artiku.

¹¹ Il-Politika Marittima tal-UE tippovdi qafas għall-promozzjoni tad-direzzjoni tal-Ewropa fl-affarijiet marittimi internazzjonali u għall-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet b'mod integrat u komprensiv.

¹² COM(2006) 136.

¹³ L-Inizjattiva Plus Plus ta' Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni (EITI++) hija inizjattiva komplementari mill-Bank Dinji lill-EITI u tfittex li tiżviluppa l-kapaċità nazzjonali biex tittratta ż-żieda qawwiya fil-prezzijiet tal-prodotti, u tidderieġi l-flussi tad-dħul li qed jikbru biex jikkumbattu l-faqar, il-ġuħ, il-malnutrizzjoni, l-illitteriżmu, u l-mard.

domestiċi tagħhom aktar 'l isfel fil-proċess, vantaġġ kompetittiv inġust fis-swieq internazzjonali.

- L-UE għandha tiżgura li kwalunkwe tgħawwiġ fl-ispiża ta' materja prima li jirriżulta mill-prattika ta' pprezzar doppju jew mekkaniżmi operattivi oħra fil-pajjiż esportatur jiġi indirizzat u introdott fil-kuntest tal-investigazzjonijiet anti-dumping. Ir-rikors effettiv u li qed jiżdied lejn ir-Regolament tal-Ostakoli fil-Kummerċ u lejn l-istrumenti ta' difiża kummerċjali (salvagwardja u kontra s-sussidju) huma mezzji oħra ta' trattament tat-tfixkil kummerċjali fl-aċċess għall-materja prima jew l-effetti tagħhom f'livell aktar 'l isfel fil-proċess, bħall-esportazzjonijiet ta' prodotti aktar 'l isfel fil-proċess bi prezzijiet soġġetti għad-dumping.
- L-UE għandha tiegħu azzjoni xierqa biex tiżgura li l-istrumenti varji ta' politika kummerċjali inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ preferenzjali u s-Sħubija għall-Aċċess tas-Suq tal-UE jiġu applikati b'mod konsistenti bl-għan li jinħolqu swieq ta' materja prima miftuħa u bi tħaddim tajjeb, b'mod speċjali billi tkun assigurata koerenza bejn il-ftuħ tas-suq tal-UE (eż. it-tariffi) u l-miżuri ta' restrizzjoni meħuda mill-pajjiżi terzi.
- Barra l-impedimenti esterni għall-provvista ta' materja prima, l-UE għandha wkoll tirrevedi ta' spiss ir-reġim ta' tariffi tal-UE bl-għan li tiżgura koerenza mal-iżviluppi fid-domanda tal-UE għall-materja prima u b'mod partikolari tevalwa modi biex tbaixxi r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tal-materji primi, inklużi dawk li jiġġeddu, meħtieġa mill-industrija bħala dħul għal prodotti oħra bħalma huma l-kimiki. F'dak li għandu x'jaqsam mal-materja prima li tiġġedded, din għandha tiġi żviluppata b'mod parallel bi standards rilevanti għas-sostenibbiltà u ċ-ċertifikazzjoni.
- Fil-każ ta' ftehimiet anti-kompetittivi jew il-konċentrazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni għandha tkompli tapplika bis-sħiħ ir-regoli ta' kompetizzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress billi toħroġ rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-aspetti kummerċjali mibnija fuq dħul tal-partijiet interessanti kif xieraq.

Ħafna materji primi importanti jinsabu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika jew f'pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw. Hemm każ ovvju ta' koerenza bejn **il-politika tal-iżvilupp tal-UE** u l-ħtieġa tal-UE għal aċċess mhux imfixkel għall-materja prima biex jinħolqu sitwazzjonijiet fejn igawdi kulħadd. Governanza tajba, trasparenza fi ftehimiet dwar il-minjieri u d-dħul minn din l-attività, kundizzjonijiet ugwali fil-kumpaniji kollha, il-finanzjament tal-opportunitajiet, ir-reġimi ta' tassazzjoni sodi u Prattika soda għall-iżvilupp huma ta' benefiċċju kemm għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll għall-aċċess tal-UE għal-materja prima. Il-linji politiċi għall-iżvilupp għandhom rwol rilevanti f'dan ir-rigward fuq tliet livelli:

A. It-tisħiħ tal-Istati: il-governanza ekonomika, soċjali, ambjentali u politika hija fattur importanti għall-iżvilupp. Il-governanza tajba tgħin ukoll lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ibiddlu d-disponibbiltà tar-riżorsi minerali fl-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomiji tagħhom u t-tkabbir inklussiv għall-foqra. Skont l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp, huwa allokat pagament ta' inċentivi ta' EUR 2,7 biljun għall-pajjiżi skont il-pjanijiet ta' governanza tagħhom¹⁴. Ħafna mill-pjanijiet ta' governanza jinkludu jew impenji ġenerali fir-rigward tal-governanza finanzjarja, fiskali u ġudizzjarja jew impenji speċifiċi dwar il-maniġment tar-

¹⁴ COM(2006) 421, approvat mill-Kunsill fis-16 ta' Ottubru 2006, Dokument 14024/06.

rizzorsi naturali u t-trasparenza fil-ftehimiet dwar il-minjieri u fid-dħul minn din l-attività¹⁵. Parti mill-ghajjnuna tagħna lil dawn il-pajjiżi hija ffukata fuq il-bini ta' ħiliet għall-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi, il-maniġment tar-rizzorsi naturali b'mod sostenibbli u n-negozjati ma' kumpaniji tal-minjieri. Parti oħra sinifikanti tal-ghajjnuna tagħna tmur għall-proġetti għall-infrastruttura tat-trasport fil-pajjiżi tal-AKP li huma indispensabbli għat-tħaddim tal-attivitajiet sostenibbli fil-minjieri¹⁶.

Aħna nsaħħu l-istati billi nżidu l-użu tas-*sostenn baġitarju* bħala strument li jwassal l-ghajjnuna. Dan it-tip ta' ghajjnuna jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' finanzzi pubbliċi sodi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-finanzi pubbliċi sodi, inkluż id-dħul mill-proġetti tar-rizzorsi minerali, għandu jibqa' rekwiżit importanti fl-użu tal-appoġġ baġitarju mill-UE.

L-UE għandha tissokta fid-djalogu mal-pajjiżi msieħba tagħha u mal-organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali dwar aktar tnaqqis fid-dejn.

B. Il-promozzjoni ta' klima soda għall-investment li tgħin fiż-żieda tal-provvista:

Il-politika ta' żvilupp għandha tippromwovi wkoll qafas legali u amministrattivi ċar billi:

- tiżviluppa kundizzjonijiet ugwali bejn il-kumpaniji u l-pajjiżi li jeħtieġu l-aċċess għall-materja prima;
- iżżid it-trasparenza tal-ftehimiet dwar il-minjieri u d-dħul;
- tippromwovi sistemi sodi ta' tassazzjoni li taħthom l-attivitajiet kollha ekonomiċi – inklużi l-attivitajiet tal-minjieri – jagħtu sehem ġust lid-dħul tal-Istati¹⁷;

Miżura oħra li żżid provvista sostenibbli tal-materja prima ġejja mis-self tal-Bank Ewropew tal-Investment għall-proġetti tal-minjieri. Din għandha tħaffef self bħal dan 'il fuq mill-ammont medju annwali ta' EUR 140 miljun mill-bidu tal-Ftehim ta' Partenarjat ta' Cotonou tas-sena 2000, speċjalment fil-pajjiżi li huma impenjati fl-implimentazzjoni tar-riformi skont Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Governanza miftiehma li jiffokaw fuq governanza mtejba u trasparenza fl-industriji tal-estrazzjoni. Il-Kummissjoni tappoġġja dan l-għan bis-sħiħ.

C. Il-promozzjoni ta' maniġment sostenibbli tal-materja prima

Il-politika ta' żvilupp tagħna tiffoka wkoll fuq l-ghajjnuna tal-pajjiżi msieħba tagħna biex itejbu l-istandards tagħhom soċjali u ambjentali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u l-għlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur li qed jikber tal-artiġġjanat u tal-minjieri fuq skala żgħira li jipprovdi x-xogħol għal madwar 100 miljun ruħ.

¹⁵ Pereżempju, il-Kamerun għandu impenji relatati mal-EITI u l-FLEGT fil-profil ta' governanza tiegħu.

¹⁶ Il-proġetti għall-infrastruttura tat-trasport mhumiex ikkonċentrati fuq ir-rizzorsi naturali, iżda xi wħud jistgħu jkunu rilevanti, bħal, pereżempju, il-Proġett "Western Corridor Infrastructure" fil-Ghana magħmul minn infrastruttura tal-port u l-ferrovija li għandu jippermetti t-trasferiment tal-boksajt u l-manganiż lejn il-baħar.

¹⁷ Iż-Żambja, pereżempju, bl-appoġġ mill-UE, ressqet għal kont tat-teżor uniku biex tirċievi d-dħul kollu, inkluż dħul mill-minjieri (bħall-Możambik) u żiedet it-trasparenza u l-progressività tar-reġim tas-sistema tagħha ta' tassazzjoni applikabbli għall-attivitajiet tal-minjieri.

2.2. It-tieni pilastru: It-trawwim ta' provvista sostenibbli ta' materja prima minn sorsi Ewropej

Biex tkun aktar faċilitata l-provvista sostenibbli tal-materja prima mid-depożiti Ewropej, huwa importanti li **l-kundizzjonijiet** it-tajba **ta' qafas** ikunu qed jitħaddmu. L-aċċess għall-art huwa rekwiżit ewlieni għall-industrija tal-estrazzjoni, iżda ż-żona disponibbli għall-estrazzjoni fl-UE qed tittieħed dejjem aktar minn użi oħra tal-art. Barra minn hekk, fl-UE mhijiex ħaġa rari li jkunu għaddew minn 8-10 snin bejn l-iskoperta ta' depożiti u l-produzzjoni attwali. L-esperjenza tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-kundizzjonijiet amministrattivi u li jitħaffef il-proċess tal-permess għall-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' estrazzjoni. L-Istati Membri qegħdin dejjem aktar isiru konxji minn dawn l-isfidi – pereżempju, l-Iżvezja mmodernizzat il-leġiżlazzjoni tal-minjieri tagħha u introduċiet żmien massimu fil-proċess tal-permess.

Jeħtieġ li l-provvista sostenibbli tal-materja prima msejsa fl-UE ittejjeb **l-għarfien dwar id-depożiti** minerali fi ħdan l-UE Flimkien ma' dan, l-aċċess fit-tul għal dawn id-depożiti għandu jiġi kkunsidrat fl-ippjanar tal-użu tal-art. Għalhekk il-Kummissjoni tirrakkomanda li **l-istħarriġ ġeoloġiku** nazzjonali jsir involut b'mod aktar attiv fl-ippjanar tal-użu tal-art fi ħdan l-Istati Membri. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni qed tipproponi li tipprovdi pjattaforma għall-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar prattika fil-qasam tal-ippjanar tal-użu tal-art (bħal pereżempju l-Pjan Awstrijak dwar il-Minerali) u kundizzjonijiet oħra ta' qafas importanti għall-industrija tal-estrazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda **netwerking** aħjar **fl-istħarriġ ġeoloġiku nazzjonali** biex jitħaffef l-iskambju ta' tagħrif u tittejjeb l-interoperabilità tad-dejta u t-tixrid tagħha, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' daqs Medju. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tikkunsidra l-iżvilupp ta' mezz għal strateġija fit-tul għall-integrazzjoni ta' komponenti ta' taħt l-art fis-servizz dwar l-Art ta' Kopernikus¹⁸, li jista' jsostni l-ippjanar tal-użu tal-art u jtejjeb il-kwalità tiegħu.

Il-parti l-kbira tal-leġiżlazzjoni flivell tal-UE rilevanti għall-industrija tal-estrazzjoni mhux relatata mal-enerġija hija orizzontali. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tan-Natura 2000 hija ta' rilevanza partikolari għall-industrija tal-estrazzjoni. Tul il-konsultazzjoni pubblika, l-industrija qajmet tħassib dwar l-għanijiet xi drabi kontradittorji fir-rigward tal-ħarsien taż-żoni Natura 2000 u l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-estrazzjoni fl-Ewropa. Billi l-Kummissjoni tisħaq li ma hemm l-ebda esklużjoni assoluta ta' ħidmiet ta' estrazzjoni fi ħdan il-qafas legali ta' Natura 2000, il-Kummissjoni u l-Istati Membri impenjaw rwieħhom biex jiżviluppaw linji ta' gwida għall-industrija u għall-awtoritajiet biex jiċċaraw kif l-attivitajiet ta' estrazzjoni fi jew ħdejn żoni Natura 2000 jistgħu jiġu rrikonċiljati mal-ħarsien tal-ambjent. Huwa mistenni li l-linji ta' gwida jiġu ffinalizzati sal-aħħar tal-2008 u jkunu msejsa fuq l-aħjar prattika disponibbli.

Biex tittratta l-isfidi teknoloġiċi relatati mal-produzzjoni sostenibbli tal-minerali, il-Kummissjoni għandha **tippromwovi proġetti ta' riċerka** li jiffukaw fuq l-estrazzjoni u l-iproċessar tal-materja prima fis-Seba' Programm tagħha ta' Qafas (FP7). Il-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar ir-Riżorsi Minerali Sostenibbli tiffoka fuq teknoloġiji innovattivi ta' esplorazzjoni li jidentifikaw riżorsi li jinsabu fil-fond fuq l-art u lil hinn mix-xtut (inkluż il-minjieri tal-ibħra fondi), u teknoloġiji ġodda tal-estrazzjoni biex jintlaħqu l-ogħla benefiċċji

¹⁸ Dik li qabel kienet is-Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES).

ekonomiċi u ambjentali. Il-pjattaforma fit-Teknoloġija Waterborne għandha twettaq riċerka għat-teknoloġiji li jippermettu l-esplorazzjoni futura sostenibbli ta' qiegħ il-baħar.

L-industrija tal-estrazzjoni hija sewwieq importanti tat-tkabbir ekonomiku f'xi reġjuni Ewropej aktar remoti. **Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni**, b'mod partikolari skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, huwa disponibbli għall-appoġġ ta' sensiela ta' miżuri ta' riċerka, innovazzjoni u sostenn għan-negozju għall-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-materja prima.

Hekk kif inhu l-każ għal industriji oħra, il-problema li dejjem qed tikber ta' **nuqqas ta' ħiliet** se jkollha impatt fuq l-industrija tal-minjieri Ewropej fil-gejjieni¹⁹. Flimkien ma' dan għad hemm **għarfien pubbliku** limitat dwar l-importanza ta' materja prima lokali għall-ekonomija Ewropea. Għandhom jiġu inkoraġġuti partenarjati aktar effettivi bejn l-universitajiet, l-istħarriġ ġeoloġiku u l-industrija biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi inizzjattivi bħall-Jum il-Minerali Ewropej 2009 kif ukoll trawwem il-ġenerazzjoni ta' ħiliet għolja ġodda dwar il-ġeoloġija, l-osservazzjoni tad-dinja u kwistjonijiet dwar l-ambjent, notevolment permezz tal-Programm dwar il-Minerali u l-Ambjent Erasmus Mundus (2009-2013) u programmi konġunti ta' studju flivell ta' masters u d-dottorat, biex tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas. Billi ambjent sikur tax-xogħol huwa essenzjali biex jattira staff bil-kompetenza meħtieġa, il-Kummissjoni għandha tappoġġja azzjonijiet biex ittejjeb il-ħarsien tal-ħaddiema.

2.3. It-tielet pilastru: It-tnaqqis tal-konsum fl-UE tal-materja prima ewlenija

Għandhom jiġu promossi l-effiċjenza tar-riżorsi, ir-riċiklaġġ, is-sostituzzjoni u l-użu li qed jiżdied tal-materja prima li tiġġedded bl-għan li titnaqqas id-dipendenza kritika tal-UE fuq il-materja prima ewlenija, titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni, u jitjeb il-bilanċ tal-ambjent, kif ukoll li jintlaħqu l-ħtiġijiet industrijali għall-materja prima. Dan għandu jidher bħala parti mit-tranżizzjoni lejn produzzjoni u xejriet fil-konsum aktar sostenibbli u ekonomija tal-UE aktar effiċjenti fir-riżorsi.

L-Istrateġija Tematika tal-UE dwar l-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturi²⁰ ddeskriviet strateġija fit-tul immirata lejn is-separazzjoni bejn l-użu tar-riżorsi u t-tkabbir ekonomiku. Fi Pjan ta' Azzjoni reċenti dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli²¹, il-Kummissjoni timmira li tagħti aktar spinta lill-**effiċjenza tar-riżorsi** u lill-proċessi ta' produzzjoni eko-innovattivi, biex tnaqqas id-dipendenza fuq il-materja prima u tinkoraġġixxi l-aħjar użu tar-riżorsi u r-riċiklaġġ.

Il-Kummissjoni qed tippromwovi proġetti ta' riċerka li jiffukaw fuq **prodotti effiċjenti fir-riżorsi** u l-produzzjoni taħt l-FP7. Flimkien ma' dan, id-Direttiva tal-Ekodisinn²² tinkludi dispożizzjonijiet għat-tfassil ta' prodotti effiċjenti fir-riżorsi. Ir-riċerka għandu wkoll ikollha rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' sostituti, fl-interessi tal-flessibbiltà fil-proċess ta' produzzjoni u t-tnaqqis fil-vulnerabbiltà fir-rigward tad-dipendenza fuq l-importazzjoni. Dan l-aħħar, l-OECD²³ rrakkomandat li l-membri tagħha jippromwovu l-produttività tar-riżorsi billi jsaħħu

¹⁹ Dwar il-kwistjoni ġenerali ta' antiċipazzjoni aħjar u t-tqabbil ta' ħiliet u impjegi, il-Kummissjoni se tressaq l-Inizzjattiva "Ħiliet Ġodda għal Impjegi Ġodda" f'Diċembru 2008.

²⁰ COM(2005) 670.

²¹ COM(2008) 397.

²² Id-Direttiva 2005/32/KE

²³ Il-Kunsill tal-OECD dwar il-Produttività fir-Riżorsi l-10 ta' April 2008 – C(2008) 40.

l-kapaċità tagħhom għall-analiżi tal-flussi tal-materjali. Fl-UE, iċ-Ċentri ta' Dejta dwar ir-riżorsi naturali, l-prodotti u l-iskart għandhom jikkordinaw il-kontribut mill-Istati Membri.

L-użu li qed jiżdied ta' **materja prima sekondarja** jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u l-effiċjenza tal-enerġija. Madankollu, illum, ħafna prodotti fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom ma jidhru f'mezzi serji ta' riċiklaġġ, li jirriżulta f'telf irreparabbli ta' materja prima sekondarja ta' valur. Hemm indikazzjonijiet li perċentwal sinifikanti tat-tagħbija fuq vapuri tal-iskart kollu tal-UE ma jikkonformax mar-regoli, għalkemm is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tvarja b'mod konsiderevoli²⁴. Dan jikkonċerna prinċipalment l-esportazzjonijiet ta' vetturi u tagħmir elettroniku fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom, li jħallu lill-Ewropa bħala prodotti li jistgħu jerġgħu jintużaw iżda jispiċċaw billi jiżżarmaw barra. Barra minn hekk, il-klassifika tal-iskart trasportat bil-baħar hija interpretata b'mod differenti mill-Istati Membri, li toħloq ostakoli lis-suq intern għall-fdalijiet u għalhekk f'ixkil fil-kummerċ. Dan huwa aktar u aktar ta' dispaċir billi t-trasport fiżiku ta' prodotti esportati fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom u ta' materja prima importata (li ġejja mir-riċiklaġġ barra l-UE taħt kundizzjonijiet regolatorji anqas stretti) jwassal għal ħsara ambjentali sinifikanti.

Fir-relazzjoni tagħhom mal-pajjiżi terzi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trattament tal-iskart jitwettaq taħt kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tqajjem l-għarfien²⁵ u tiżgura li l-infurzar serju u armonizzat tar-Regolament dwar l-iskart trasportat bil-Baħar (li jimplementa l-Konvenzjoni ta' Basel), pereżempju billi tispesifika aħjar il-kriterji li tonqos milli tagħti l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għal prodotti fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tippromovi mekkaniżmi ta' kontroll aktar effettivi dwar it-trasport tal-iskart bil-baħar u tippubblika tagħrif dwar flussi illegali relatati ma' dan it-tip ta' trasport ta' skart.

Ir-riċiklaġġ tal-materja prima sekondarja għandha tiġi ffaċilitata bl-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tal-leġislazzjoni rilevanti tar-riċiklaġġ²⁶ kif ukoll permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-iskart dwar meta l-iskart ma jibqax aktar skart. Id-Direttiva se tkun teħtieġ li l-Istati Membri jilhqnu l-miri ta' għbir għall-użu mill-ġdid u għar-reċiklaġġ ta' metalli, karta, ħġieġ u tal-iskart mhux perikoluż mill-kostruzzjoni u t-twaqqiġ.

Biex tingħata spinta lill-użu mill-ġdid jew lir-**riċiklaġġ** ta' prodotti u materji fl-ekonomija sinifikanti fuq skala kbira fl-UE, hija essenzjali l-eżistenza ta' suq ġust u trasparenti, imsejjes fuq standards minimi miftiehma, skemi ta' ċertifikazzjoni fejn xieraq, fi ħdan kundizzjonijiet ta' qafas legali proporzjonat. Il-Pjan ta' Azzjoni (2008-2011) għall-Inizjattiva tas-Suq Ewlieni dwar ir-riċiklaġġ għandha tinkoraġġixxi s-swieq ta' reċiklaġġ permezz tal-miżuri li ġejjin: il-leġislazzjoni, l-istandards għall-ittikkettjar, ix-xiri pubbliku, il-finanzjament, il-qsim tal-għarfien u l-azzjoni internazzjonali²⁷.

Materja prima li tiġġedded hija riżors skars għall-industrija Ewropea, bħall-industrija ta' pproċessar għall-kimiki u l-injam, minħabba f'żoni limitati għall-kultivazzjoni u f'xi każijiet

²⁴ Investigazzjoni fl-2006 ffukata ta' tagħbija bħal din fuq vapuri wriet li aktar minn 50 % tat-tagħbija fuq vapuri tal-iskart ma tikkonformax mar-regoli u 43 % minnha tinvolvi l-irregolaritajiet.

²⁵ Azzjonijiet ta' infurzar I(2008) IMPEL-TFS.

²⁶ Id-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE); Id-Direttiva 2000/53/KE dwar il-vetturi li ma għadhomx jintużaw; Id-Direttiva 2006/66/KE dwar il-batteriji u l-akkumulaturi u l-batteriji u l-akkumulaturi għall-iskart; Id-Direttiva 94/62/KE dwar l-ippakkeġġjar u l-ippakkeġġjar tal-iskart, id-Direttiva 2006/12/KE dwar l-iskart, li qed issirilha revizzjoni.

²⁷ COM(2007) 860.

użi potenzjalment kompetituri. Il-linji politiċi nazzjonali u tal-UE għall-materja prima li tiġġedded għandhom effetti potenzjali fuq l-utenti tal-industrija. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tirrapporta dwar l-impatt ta' żieda fid-domanda għall-bijomassa u għas-setturi li jużaw il-bijomassa²⁸.

3. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-isfidi fl-iżgurar ta' provvista sostenibbli ta' materja prima mhux relatata mal-enerġija għall-ekonomija tal-UE huma multipli, komplessi, u interrelatati. Dawn l-isfidi x'aktarx jibqgħu jippersistu, jew anki jiżdedu. Jeħtieġ respons Ewropew deċiżiv biex tkun żgurata kompetittività Ewropea. Għalhekk, il-kwistjoni ta' materja prima titlob attenzjoni flivell politiku għoli u għandha tiġi indirizzata fi strateġija integrata tal-UE li torbot flimkien il-linji politiċi varji tal-UE u tippromwovi aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fejn xieraq. It-tliet pilastru tal-istrateġija proposta jimmiraw li jiżguraw kundizzjonijiet indaqs fl-aċċess għar-riżorsi fil-pajjiżi terzi, kundizzjonijiet ta' qafas aħjar għall-estrazzjoni ta' materja prima fl-UE u tnaqqis fil-konsum ta' materja prima ewlenija permezz taż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi u l-promozzjoni tar-reċiklaġġ.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tniedi **Inizjattiva Ewropea dwar il-Materja Prima** kif stipulat hawn taħt. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill fi żmien sentejn dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar il-materja prima.

²⁸ COM(2008) 19 finali

L-Inizjattiva dwar il-Materja Prima

		Livell ta' rispons		
		KE	I-Istati Membri	L-industrija
1	Id-definizzjoni ta' materja prima kritika	X	X	X
2	It-tnedija ta' diplomazija strateġika għall-materja prima fl-UE ma' pajjiżi industrijalizzati ewlenin u pajjiżi għonja fir-riżorsi	X	X	
3	L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal u l-maniġment sostenibbli ta' materja prima fil-ftehimiet kollha bilaterali u multilaterali u djalogi regolatorji kif xieraq	X	X	
4	L-identifikazzjoni u l-isfida ta' miżuri ta' tfixkil fil-kummerċ meħuda minn pajjiżi terzi flimkien mal-użu tal-mekkaniżmi u l-istrumenti kollha disponibbli, inklużi n-negozjati mad-WTO, is-soluzzjoni tat-tilwim u l-Partenarjati għall-Aċċess għas-Suq, waqt li tingħata prijorità għal dawk li l-aktar iwaqqgħu s-swieq internazzjonali miftuħa għall-iżvantaġġ tal-UE. Is-sorveljanza tal-progress permezz tal-ħruġ ta' rapporti annwali għall-progress dwar l-implimentazzjoni tal-aspetti kummerċjali, waqt li jintuża, kif xieraq, il-kontribut mill-partijiet interessati	X	X	X
5	Il-promozzjoni ta' aċċess sostenibbli għall-materja prima fil-qasam tal-politika tal-iżvilupp permezz tal-użu tal-baġit, appoġġ, strateġiji ta' kooperazzjoni u strumenti oħra	X	X	
6	It-titjib fil-qafas regolatorju relatat mal-aċċess għall-art permezz tal-: - promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattika fil-qasam tal-ippjanar tal-użu tal-art u kundizzjonijiet amministrattivi għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni u - l-iżvilupp ta' linji gwida li jipprovdu ċ-ċarezza dwar kif jistgħu jiġu rrikonċiljati l-attivitajiet tal-estrazzjoni fi jew ħdejn żoni fin-Natura 2000 b'ħarsien ambjentali	X	X	
7	L-inkoraġġiment ta' netwerking aħjar bejn l-istħarriġ nazzjonali ġeoloġiku bl-għan li jiżded il-bażi ta' tagħrif fl-UE		X	
8	Il-promozzjoni ta' ħilet u riċerka ffukata fuq teknoloġiji innovattivi għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni, ir-riċiklaġġ, is-sostituzzjoni ta' materji u l-effiċjenza tar-riżorsi	X	X	X
9	Iż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi u t-trawwim tas-sostituzzjoni tal-materja prima	X	X	X
10	Il-promozzjoni tar-riċiklaġġ u l-iffaċilitar fl-użu ta' materja prima sekondarja fl-UE	X	X	X